**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 13 ta' Lulju 2023**

**Kawża Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 865/2022 JVC**

**Aldo Bonello magħruf bħala Aldo Bonello Ghio (ID8 0575365M), Michael Bonello magħruf bħala Michael Bonello Ghio (ID 0429795M) u Thomas Bonello magħruf bħala Bonello Ghio (ID 0211098M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'digriet datat 23 ta' Marzu 2023 ġiet kjmata fil-kawża Joanne Bonello Salamone**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Aldo Bonello talab kif isegwi:

**1.** ʻILLI l-attur, Aldo Bonello, magħruf bħala Aldo Bonello Ghio, twieled nhar id-29 taʼ Novembru 1965, kif jirriżulta mill-att tat-twelid tiegħu bin-numru taʼ reġistrazzjoni ħamest elef sebaʼ mija, tlieta u ħamsin tas-sena elf disaʼ mija, ħamsa u sittin (5753/1965), estratt veru taʼ liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat "**DOK: A**";

**2.** ILLI l-attur iżżewweġ lil Joanna Salomone nhar it-23 taʼ Mejju 1992 kif jidher mill-att taż-żwieġ bin-numru taʼ reġistrazzjoni sebaʼ mija, tnejn u sebgħin taʼ l-elf disaʼ mija, tnejn u disgħin (772/1992), estratt veru taʼ liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat "**DOK: B**";

**3.** ILLI miż-żwieġ taʼ l-attur maʼ Joanna Salomone, twieldu żewġt itfal, u ċjoeʼ l-attur Michael Bonello, magħruf bħala Michael Bonello Ghio, li twieled nhar it-30 taʼ Settembru 1995 (att tat-twelid hawn anness u mmarkat "**DOK: C**"), u l-attur Thomas Bonello, magħruf bħala Thomas Bonello Ghio, li twieled nhar l-1 taʼ Ġunju 1998 (att tat-twelid hawn anness u mmarkat "**DOK: D**");

**4.** ILLI l-membri tal-familja taʼ l-atturi kienu konsistentement magħrufa bil-kunjom "Bonello Ghio" u dana stante li n-nannu patern taʼ l-attur Aldo Bonello kellu l-kunjom "Bonello" fil-waqt li nanna paterna tiegħu kienet kunjomha xebba "Ghio" u dan kif jidher mill-att taż-żwieġ tan-nanniet taʼ l-istess attur, numru tmien mija, tlieta u erbgħin tas-sena elf disaʼ mija u dsatax (843/1919) estratt veru taʼ liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat "**DOK: E**";

**5.** ILLI l-atturi kollha minn dejjem kienu magħrufin bil-kunjom "Bonello Ghio", u l-attur Aldo Bonello saħansitra kien hekk magħruf anke fl-atti kollha tal-ħajja ċivili, inkluża l-karta taʼ l-

identita' tiegħu, qabel ma kellu jibdilha riċentement. Kopja tal-karta ta' l-identita' l-antika tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata "**DOK: F**", waqt li kopja tal-karta ta' l-identita' l-ġdida tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata "**DOK: G**";

**6.** ILLI kif ingħad, il-familja kollha ta' l-atturi hija magħrufa bil-kunjom "Bonello Ghio", u diġa' ġew intavolati proċeduri simili għal dawk odjerni kemm miz-ziju ta' l-attur Aldo Bonello, Guido Bonello Ghio, fl-ismijiet **Guido Bonello Ghio *et* vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (912/1996 NA), u kif ukoll minn ħu l-attur Aldo Bonello, Stefan Bonello Ghio, fl-ismijiet **Stefan Bonello magħruf bħala Stefan Bonello Ghio *et* vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (247/2016 LSO). Bis-saħħa ta' dawn l-azzjonijiet, numru ta' membri tal-familja ta' l-atturi kellhom kunjomhom mibdul b'dana illi ormai l-atturi huma reġistrati b'mod differenti għall-bqija tal-familja. Kopji tas-sentenzi relattivi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati "**DOK: H**" u "**DOK: I**";

**7.** ILLI l-fatt li l-kunjom "Bonello Ghio" li bih l-atturi huma magħrufin u li huwa l-kunjom tal-familja ta' l-atturi ma jikkombaċjax mal-kunjom riprodott fl-atti tat-twelid tagħhom u fl-att taż-żwieġ ta' l-attur Aldo Bonello, qiegħed jikkawża inkonvenjent lill-atturi kemm fil-ħajja privata tagħhom kif ukoll f'dik pubblika kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

**8.** ILLI l-atturi jixtiequ jirregolaw il-posizzjoni tagħhom u jeffettwaw t-tibdil neċessarju sabiex l-atti uffiċjali tagħhom kollha jirriflettu l-kunjom li bih huma magħrufin;

**9.** ILLI l-liġi tagħtihom din il-fakulta' a tenur ta' l-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta].

GĦALDAQSTANT l-atturi jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

**(i)** tordna, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta], il-pubblikazzjoni t'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

(ii) tordna li l-att tat-twelid ta' l-attur Aldo Bonello reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 5753/1965 jiġi korrett fis-sens illi kunjom l-istess attur jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello", u jsiru l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fil-marġini ta' l-istess att tat-twelid għall-fini ta' tali korrezzjoni;

(iii) tordna li l-att taż-żwieġ ta' l-attur Aldo Bonello ma' Joanna Salomone reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 772/1992 jiġi korrett fis-sens illi, fl-ewwel lok kunjom l-istess attur jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello", u jsiru l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fil-marġini tal-istess att taż-żwieġ għall-fini ta' korrezzjoni, b'dan illi talli korrezzjoni m'għandhiex tikkawża tibdil fil-kunjom ta' Joanna Salamone kif magħżul minnha skont il-paragrafu (e) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(iv)** tordna li l-att tat-twelid ta' l-attur Michael Bonello reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 4297/1995 jiġi korrett fis-sens illi, kunjom missieru, l-attur Aldo Bonello, jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello";

**(v)** tordna li l-att tat-twelid ta' l-attur Thomas Bonello reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 2110/1998 jiġi korrett fis-sens illi, kunjom missieru, l-attur Aldo Bonello, jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello";

(vi) tordna li dan it-tibdil jiġi rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili ta' l-atturi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi l-esponent jissottometti illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn, u għalhekk fir-rigward tat-talbiet attriċi, huwa ser ikun qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' illi jiġu ssorvolati l-eċċezzjonijiet li jsegwu u li l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi strettament bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrileva illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jikkonċernawx biss dettalji tagħhom fl-atti tal-istat ċivili relattivi, stante li permezz tar-rikors in risposta qiegħed jintalab ukoll

tibdil fid-dettalji ta′ missier l-attur Aldo Bonello, li jiġi wkoll in-nannu patern tal-atturi Michael u Thomas′, u tibdil li mistenni jaffetwa l-att taż-żwieġ tar-rikorrent Aldo Bonello ma′ Joanna Salomone, għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi dawn l-individwi għandhom ikunu kjamati in kawża sabiex huma wkoll ikunu jistgħu iwieġbu għat-talbiet attriċi;

5. Illi fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba attriċi, jingħad illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista′ ssir **f′dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta′ dik il-persuna**, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk isegwi illi kemm-il darba n-nannu patern tal-atturi Michael u Thomas, Aldo Adolph Bonello, li jiġi wkoll missier l-attur Aldo Bonello, ma jkunx parteċipi fil-proċeduri odjerni, ma jistgħux jiġu emendati d-dettalji tiegħu kif mitlub fit-tieni talba u fit-tieni parti tat-tielet talba attriċi;

6. Illi in oltre, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, qed jiġi rrilevat illi kemm-il darba jinbidel kunjom ir-rikorrent Aldo Bonello fuq l-att taż-żwieġ innumerat 772/1992, awtomatikament ser jinbidel ukoll il-kunjom li martu Joanna Bonello nee′ Salomone adottat permezz tal-istess żwieġ, u għalhekk l-esponent jenfasizza illi l-imsemmija Joanna Bonello nee′ Salomone għandha tkun parteċipi fil-proċeduri odjerni, kemm sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru kif ukoll għaliex hija ċertament għandha interess li tinstema′ fi proċeduri li wara kollox jikkonċernaw id-dettalji personali tagħha;

7. Illi fir-rigward tar-raba′ u tal-ħames talba attriċi, li tikkonċerna l-atti tat-twelid ta′ Michael Bonello u ta′

Thomas Bonello, qed jiġi rrilevat illi ntalab biss tibdil fil-kunjom tal-attur Aldo Bonello bħala l-missier, u li kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi 'Bonello Ghio' huwa l-kunjom li bih l-atturi huma komunement magħrufin, it-talba għar-reġistrazzjoni tal-kunjom 'Bonello Ghio' għandha ssir ukoll fil-konfront ta' kunjomhom. Għal kull buon fini qiegħed jiġi rrilevat ukoll li fl-atti tat-twelid tal-imsemmijin Michael u ta' Thomas Bonello, kunjom l-omm huwa indikat bħala 'Bonello' u li għalhekk kwalunkwe tibdil fl-att taż-żwieġ innumerat 772/1992 ser jiġi rifless fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti indikati minnhom, innumerati 4297/1995 u 2110/1998;

8. Illi finalment u dejjem bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skond il-ligi esebita a fol. 35 tal-process b'dana li allura l-ewwel talba tar-rikorrent hija sorvolata.

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Marzu, 2023 din il-Qorti fuq talba tar-rikorrenti laqghet it-talba ghall-kjamata fi-kawza ta' Joanne Bonello Salomone u dan ai fini ta' ntegrita' ta' gudizzju;

Rat ir-risposta tal-kjamata fil-kawza datata 23 ta' Gunju, 2023 li taqra kif isegwi:

**1.** 'ILLI preliminarjament l-esponenti tiddikjara li, nhar it-13 ta' Mejju 2023, hija għamlet talba lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku konvenut biex tibdel kunjomha skond is-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta] permezz tal-Formula Y inkorporata fit-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda ta' l-istess Kodiċi, u għamlet għażla skond il-paragrafu (e) ta' l-istess sub-artikolu (1) sabiex tirriverti lura għal kunjomha xebba "Salomone".

Din it-talba ġiet milqugħa mill-istess Direttur konvenut sabiex inħarġet il-karta ta' l-identita' relattiva li tirrifletti l-istess tibdil ("**DOK: JS1**"), u anke ġew emendati l-att taż-żwieġ tagħha ma' l-attur Aldo Bonello, u l-atti tat-twelid ta' l-atturi l-oħra wliedha Michael u Thomas aħwa Bonello, it-tnejn magħrufin bil-kunjom Bonello Ghio;

**2.** ILLI fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tiddikjara li hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet imressqa permezz tar-rikors ġuramentat promutur, b'dan illi kwalunkwe annotazzjoni li tista' ssir fl-att taż-żwieġ tagħha ma' l-attur Aldo Bonello bil-għan li jiġi korrett kunjomu fl-istess att, m'għandhiex tikkawża tibdil f'kunjomha kif magħżul minnha u kif spjegat fl-ewwel eċċezzjoni;

L-esponenti tiddikjara u tikkonfema li hija dejjem kienet taf lill-attur Aldo Bonello bil-kunjom "Bonello Ghio" sa minn meta ltaqgħet miegħu, u kien bi qbil bejniethom li huwa dejjem baqa' juża l-kunjom "Bonello Ghio" wara ż-żwieġ, bl-istess mod kif hija wkoll baqgħet tuża kunjomha xebba "Salomone" sakemm setgħet tirriverti lura għalih b'mod uffiċjali kif spjegat. L-esponenti taqbel ukoll li l-atturi wliedha Michael u Thomas għandhom ikunu magħrufin bil-kunjom "Bonello Ghio" minflok Bonello.'

Rat li fil-verbal tat-28 ta' Gunju, 2023 din il-Qorti laqghet il-korrezzjonijiet mitluba mir-rikorrenti fir-rikors guramentat u dan bl-ghan ukoll li jigu sorvolati diversi eccezzjonijiet preliminari mqajjma mid-Direttur intimat;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-bosta dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti li bla ebda dubju tevidenzja li r-rikorrent Aldo Bonello effettivament huwa magħruf u ilu magħruf bil-kunjom ta' 'Bonello Ghio' u mhux biss 'Bonello' tant li l-kopja tal-karta tal-identita' tiegħu maħruġa mill-Istat Malti esebita a fol. 11 tal-process tindikah bil-kunjom 'Bonello Ghio'.

Rat ukoll l-evidenza ulterjuri preżentata flimkien mal-affidavit tar-rikorrent permezz tan-nota fl-atti datata 28 ta' Gunju, 2023 li turi li r-rikorrent ilu magħruf bil-kunjom 'Bonello  Ghio' sa minn meta kien għadu ta' eta' żgħira.

Illi fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti kollha huma ġjustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta'  u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat u tal-kjamata fil-kawża sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiz;

2. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-att tat-twelid tar-rikorrent Aldo Bonello reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 5753/1965 jigi korrett fis-sens illi kunjom l-istess attur, jiġi

indikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello", u jsiru l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fil—marġini ta' l-istess att tat-twelid għall-fini ta' tali korrezzjoni";

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-att taż-żwieġ tar-rikorrent Aldo Bonello ma' Joanna Salamone reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 772/1992 jiġi korrett fis-sens illi, fl-ewwel lok kunjom l-istess attur jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello" u jsiru l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fil-margini tal-istess att taż-żwieġ għall-fini ta' korrezzjoni, b'dan illi tali korrezzjoni m'għandhiex tikkawża tibdil fil-kunjom ta' Joanne Salomone kif magħżul minnha skont il-paragrafu (e) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-att tat-twelid tar-rikorrent Michael Bonello reġistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru 4297/1995 jigi korrett fis-sens, illi kunjom missieru, ir-rikorrent Aldo Bonello, jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello";

6. Tilqa' l-ħames talba u tordna li l-att tat-twelid tar-rikorrent Thomas Bonello reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 2110/1998 jigi korrett fis-sens illi, kunjom missieru, r-rikorrent Aldo Bonello, jiġi ndikat bħala "Bonello Ghio" minflok "Bonello";

7. Tilqa' sitt talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

8. Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkustanzi bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Lulju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**13 ta' Lulju 2023**